MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2008

Talba Numru. 457/2008

**Korporazzjoni Enemalta**

**vs**

**Ranbow Mix Concrete Limited**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab hlas ta' elf mija u erbgha u ghoxrin ewro u wiehed u erbghin centezmi (€1,124.41) rapprezentanti Danni sofferti mill-korporazjoni attrici f' *'cable'* ta' l-elettriku kkawzati mis-socjeta' konvenuta jew impjegati taghha nhar it-23 ta' Mejju, 2005 gewwa Tal-Buqana, Limits tar-Rabat.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Gunju, 2006 bl-imghax legali dekoribbli mid-data tal-istess ittra u bis-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

It-Tribunal ra illi fit-18 ta' Settembru, 2008 s-Socjeta` imharrka giet notifikata bl-atti bil-purtier.

Ra illi s-Socjeta mharrka ma pprezentatx eccezzjonijiet fiz-zmien moghtija lilha bil-ligi. Illi fis-seduta tal-15 ta' Ottubru, 2008 xehed Mark Aquilina, li huwa rapprezentant tas-socjeta' konvenuta sabiex jiggustifika l-kontumacja, fejn qal illi huwa kien sar jaf bil-kawza jumejn qabel u li kien sar xi zball minn naha ta' zewg segretarji godda li kienu ghadhom kif gew impjegati mas-socjeta' konvenuta u illi ghalkemm kienu rcevew l-atti dawn ma kienux ghaddewhom fiz-zmien rikjest mill-ligi.

It-Tribunal jirrilleva illi skond id-dokumenti fl-atti tal-kawza, l-ewwel notifika bil-posta kienet negattiva u li ghahekk il-Korporazzjoni attrici talbet li ssir notifika bil-purtier. Illi t-tieni tentattiv ghan-notifika kienet saret bil-purtier u rrizultat pozittiva. L-atti gew servuti lis-socjeta' attrici fit-18 ta' Settembru, 2008.

Illi t-Tribunal sema x-xhieda tas-socjeta konvenuta u ha konjizzjoni tar-raguni moghtija mir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta rigward il-kontumacja. It-Tribunal huwa tal-fehma illi fil-kaz quddiemu, n-notifika ma kienetx bil-posta izda wahda aktar ufficjali u formali permezz ta' Marixxal tal-Qorti li jkun mar personalment fl-indirizz tan-notifika, liebes l-uniformi tal-Qorti.

Illi t-Tribunal ghandu quddiemu gustifikazzjoni ta' kontumacja, li titfa' dell fuq impjegata, li ma xehditx u tat il-verzjoni taghha. Illi nnotifika tal-avviz sar fil-post tax-xoghol, kienet notifika valida bil-ligi u li sahansitra giet servuta minn id t' ufficjal tal-Qorti.

Illi t-Tribunal jirritjeni lli l-'*mens legis'* huwa ceratament wiehed li jippermetti li mpjegati tal-istess ufficju tal-istess socjeta' konvenuta jghaddu dokumenti ta' certa importanza lil ta' fuqhom u mhux li jwarrbuhom.

Illi t-Tribunal jidhirlu illi r-raguni li giet moghtija mis-socjeta' konvenuta hija simplicistika ghal kollox u li ma tistax tigi ritenuta bhala wahda li tiggustifaka l-kontumacja.

Illi jista’ jkun minnu illi s-socjeta’ konvenuta impjegat zewg segretarji godda f’dak iz-zmien li s-socjeta’ konvenuta giet notifikata bl-atti, izda t-Tribunal jidhirlu illi meta segretarji jircievu dokumenti mill-Qorti permezz ta’ Marixxal tal-Qorti b’mod tant ufficjali u formali dan ghandu jkollu iktar sahha u l-atti kellhom jitqiesu b’certa importanza u sahha u mhux jitwarrbu.

Illi ghalhekk fil-fehma tat-Tribunal ma ngabietx raguni tajba bizzejjed minn naha tas-socjeta’ konvenuta sabiex din titqies li ggustifikat l-kontumacja taghha.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jikkonferma l-kontumacja tas-socjeta’ konvenuta izda ha jikkoncedi fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz lill-istess Socjeta mharrka tressaq nota ta’ sottomissjonijiet dwar il-mertu wara li jkunu nstemghu il-provi attrici.

Bl-ispejjez kontra s-Socjeta’ mharrka.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------